

III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/468/PESK

tat-28 ta' Ġunju 2007

dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifikazzjoni tagħha u fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA:

rinfurzar ta' ftehim multilaterali fil-qasam tan-non-proliferazzjoni ta' l-armi ta' qerda tal-massa u l-mezzi ta' kunsinna ⁽¹⁾.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(5) Id-dħul fis-seħħ kmieni u l-universalizzazzjoni tas-CTBT, u t-tisħiħ tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifikazzjoni tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO huma objettivi importanti ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' l-Armi ta' Qerda tal-Massa.

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa, li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri sabiex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni li jeħtieġ li jittieħdu kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi.

(6) Il-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO ssegwi l-istess objettivi msemmija fil-premessi (4) u (5) u diġà tinsab impenjata fl-identifikazzjoni ta' liema mezzi jistgħu l-aktar isaħħu s-sistema tagħha ta' verifika permezz ta' l-għoti f'waqt ta' konsulenza teknika u taħriġ lil l-persunal mill-Firmatarji involuti fl-implimentazzjoni tar-reġim ta' verifikazzjoni. Huwa għalhekk kunsiljabbli li l-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO tiġi fdata bl-implimentazzjoni teknika ta' din l-Azzjoni Konġunta,

(2) L-Unjoni Ewropea qiegħda timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija ta' l-UE u qiegħda tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari billi tirrilaxxa riżorsi finanzjarji sabiex tappoġġa proġetti speċifiċi mmexxija minn istituzzjonijiet multilaterali.

(7) Fl-20 ta' Marzu 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/243/PESK dwar l-appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) fil-qasam tat-taħriġ u l-bini ta' kapaċità għall-verifikazzjoni u fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa ⁽²⁾.

(3) L-Istati Firmatarji tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBT), adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Settembru 1996, iddeċidew li jistabbilixxu Kummissjoni Preparatorja, li jkollha kapaċità ġuridika, bil-għan li twettaq l-implimentazzjoni effettiva tas-CTBT, sakemm tiġi stabbilita l-Organizzazzjoni tas-CTBT (CTBTO).

(8) Il-prova nukleari, imwettqa mid-DPRK f'Ottubru 2006, issottolinjat aktar l-importanza tad-dħul fis-seħħ bikri tas-CTBT u l-bżonn ta' kostruzzjoni aċċellerata tas-sistema ta' monitoraġġ u verifikazzjoni tas-CTBTO.

(4) Fis-17 ta' Novembru 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/805/PESK dwar l-universalizzazzjoni u r-

⁽¹⁾ ĠU L 302, 20.11.2003, p. 34.

⁽²⁾ ĠU L 88, 25.3.2006, p. 68.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

1. Għall-finijiet ta' l-implementazzjoni immedjata u prattika ta' ċerti elementi ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' l-Armi ta' Qerda tal-Massa, l-Unjoni Ewropea għandha ssostni l-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO sabiex isir aktar progress lejn l-oġettivi li ġejjin:

- (a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sistema ta' monitoraġġ u verifikazzjoni tas-CTBTO, inkluż fil-qasam tal-kxif radju-nuklidu,
 - (b) it-titijib tal-prestazzjoni operattiva tas-sistema ta' monitoraġġ u verifikazzjoni tas-CTBTO, inkluż permezz ta' l-ittestjar u l-validazzjoni ta' modalitajiet ta' spezzjoni fuq il-post.
2. Il-proġetti li jridu jiġu appoġġati mill-Unjoni Ewropea għandu jkollhom l-oġettivi speċifiċi li ġejjin:
- (a) jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċità fil-qasam tal-monitoraġġ u l-verifikazzjoni tal-gass nobbli,
 - (b) jipprovdu appoġġ għat-tħejjija, it-tmexxija u l-valutazzjoni ta' l-Eżerċizzju Integrat fil-Post 2008 fiż-żona ta' spezzjoni jiet fil-post (IFE08/OSI).

Il-proġetti għandhom jitwettqu għall-benefiċċju tal-Firmatarji kollha tas-CTBT.

Deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti hija mniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

1. Il-Preidenza, meġhuna mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-PESK (SG/RGħ), għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ.

2. Il-proġetti msemija fl-Artikolu 1(2) għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Hi għandha twettaq dan il-kompitu taħt il-kontroll tas-SG/RGħ, filwaqt li tgħin lill-Preidenza. Għal dan il-għan, is-SG/RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

3. Il-Preidenza, is-SG/RGħ u l-Kummissjoni għandhom iżommu lil xulxin informati regolarment dwar il-proġetti, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 3

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implementazzjoni tal-proġetti msemija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 1 670 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulata fil-paragrafu 1 għandha tiġi ġestita skond il-proċeduri u r-regoli tal-Komunità Ewropea applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprietà tal-Komunità.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni ġusta tal-kontribuzzjoni ta' l-UE msemija fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, hi għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO, li għandha tkun fil-forma ta' għotja. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jistipula li l-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni ta' l-UE, b'mod adatt għad-daqs tiegħu.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak li tista' sabiex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 4

Il-Preidenza, assistita mis-SG/RGħ, għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata bis-sħiħ. Hi għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji ta' l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta.

Artikolu 5

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi

(a) 15-il xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni u l-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO, jew

(b) 12-il xahar wara d-data ta' l-adozzjoni tagħha jekk ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' finanzjament f'dak il-perijodu.

Artikolu 6

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 28 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GABRIEL

ANNEX

Appoġġ mill-UE għal attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifikazzjoni fil-qafas ta' l-implementazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa

I. Daħla

Il-provi nukleari mħabbrin mid-DPRK f'Ottubru 2006 ma enfasizzawx biss l-importanza tad-dħul fis-seħħ bikri fit-Trattat, iżda ssottolinjaw ukoll il-ħtieġa għall-bini rapidu tar-reġim ta' verifikazzjoni tas-CTBT. L-avveniment ikkos-titwixxa prova fil-ħajja reali tas-sistema kollha għas-Segretarjat Tekniku Provviżorju (PTS) u enfasizza l-valur potenzjali li s-sistema ta' verifikazzjoni globali tista' tagħti lil Stati Firmatarji. Wera r-rilevanza teknika ta' l-arranġamenti ta' verifikazzjoni tas-CTBT, inkluż l-importanza ta' spezzjonijiet fuq il-post (OSI) validati u effiċjenti. Għal din il-proposta għall-proġett, il-PTS identifika elementi rigward il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifikazzjoni li jistħoq-qilhom attenzjoni partikolari fid-dawl ta' l-esperjenzi miksuba mill-avveniment tad-DPRK. Il-proposta hija mibnija fuq iż-żewġ komponenti li ġejjin:

- (a) Gassijiet Nobli,
- (b) l-Eżerċizzju Integrat fil-Post ta' l-2008 (IFE 08/OSI)

II. Deskrizzjoni ta' proġetti**1. Komponent ta' Proġett Gass Nobli; it-titjib ta' l-għarfien dwar il-Kejl ta' Gass Nobli PTS**

- (a) Is-Sistema Internazzjonali ta' Monitoraġġ (IMS) issa laħqet livell ta' madwar 2/3 ta' stazzjonijiet li qed jaħdmu. Il-bini tas-sistema huwa segwit bħala prijorità bl-għan li jintlaħaq livell sa 90 % fil-bidu ta' l-2008. L-avveniment tad-DPRK kien irreġistrat b'mod tajeb mill-istazzjonijiet sismiċi primarji u awżiljarji tal-PTS, u pprova kejl affidabbli lill-Istati Firmatarji tal-ħin, tal-post u tal-kobor ta' l-avveniment. Is-sistema ta' stazzjonijiet sismiċi laħqet livell ta' kważi kompletar sa issa.
- (b) Il-livell ta' tħaddim ta' stazzjonijiet kapaċi biex jimmonitorjaw il-preżenza ta' gassijiet nobli rilevanti fl-atmosfera wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat, għaldaqstant, jeħtieġ li jkun avvanzat. Attwalment, 10 stazzjonijiet prototipi qed jaħdmu jew qed jinbnew, li huma l-ekwivalenti ta' 25 % tan-numru ppjanat għad-dħul fis-seħħ. Dawn l-istazzjonijiet qed jipprovdu kejl sperimentali u provviżorju fil-qafas ta' l-Esperiment Internazzjonali ta' Gass Nobli (INGE) tal-PTS. Huwa mfakkar li dan il-programm ta' riċerka u żvilupp huwa bbażat fuq erba' tekonoġiji proposti mill-erba' pajjiżi li ġejjin: Franċja, ir-Russja, l-Isvezja u l-Istati Uniti. Ir-riżultat ta' l-avveniment tad-DPRK kien li bosta Stati Firmatarji, inklużi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, taw l-opinjoni tagħhom li l-kapaċitajiet tal-PTS għall-monitoraġġ tal-preżenza ta' gass nobli għandhom jissaħħu.
- (c) Il-monitoraġġ ta' gass nobli hija teknika fundamentali u sensittiva ħafna għall-kxif ta' splużjonijiet nukleari ta' taħt l-art u ta' taħt l-ilma. Mit-teknoloġiji ta' verifikazzjoni kollha, flimkien mal-monitoraġġ ta' partikulati radjunuklidi, hija l-unika teknika li għandha l-potenzjal tipprovi prova żgura ta' splużjonijiet nukleari.
- (d) Biex tiġi żgurata l-kwalità u l-preċiżjoni tal-kapaċitajiet attwali u futuri tal-PTS tal-kejl ta' gass nobli, hija ta' importanza kbira li jkun magħruf "l-isfond ta' gass nobli" li jista' jkun mistenni f'reġjuni oħrajn madwar id-dinja, fejn għad m'hemmx stazzjonijiet. Għalhekk, metodoloġija għal kategorizzazzjoni ta' avvenimenti mikxufa minn kejl tas-sistema ta' gass nobli għandha tiġi żviluppata. Il-kejl ta' gass nobli fil-post huwa l-aħjar mod biex jinkiseb dan u biex jiġu pprovduti risposti għal tali "nuqqas ta' tagħrif". Attwalment, stazzjonijiet ta' l-INGE qedin jiġbru data mill-Amerka ta' Fuq u ta' Isfel, l-Ewropa, l-Asja u l-Oċeanja. Madankollu, fl-Asja ta' Isfel, fil-Golf Persjan u fl-Afrika ta' Isfel jeżistu faċilitajiet nukleari però m'hemmx data dwar l-isfond ta' radjukseno. Barra minn hekk, fl-Ewropa huma meħtieġa wkoll kejl f'postijiet speċifiċi, per eżempju ħdejn impjanti radjufarmaċewtiċi jew impjanti ta' enerġija nukleari.
- (e) Għal dan l-iskop, il-kejl ħdejn impjanti ta' enerġija nukleari (NPP) jew impjanti għal produzzjoni radjufarmaċewtika għandu jittieħed biex tintwera d-differenza bejn mudelli ta' rilaxx teoretiku, rilaxxi reġistrati medji, u riżultati sperimentali u konkreti mkejla. Barra minn hekk, għandu jiġi eżaminat l-isfond ta' gassijiet nobli f'reġjuni oħrajn tad-dinja fejn ma jeżistux stazzjonijiet.

- (f) Sabiex jinkiseb it-titjib meħtieġ msemmi hawn fil-kapaċitajiet fil-qasam tal-gass nobli, il-PTS qed ifittex appoġġ għall-proġett li ġej:
- (i) It-tweqqif ta' erba' kampanji ta' kejl fuq il-post ta' tul ta' madwar – 4 xhur kull waħda. Matul kull kampanja, l-isfond ta' Kseno huwa reġistrat f'diversi positijiet b'distanza ta' 500-2 500 kilometri mill-kamp bażi għal perijodu ta' madwar tliet ġimgħat. Barra minn hekk, kejl ta' sfond ta' detekter għandu jkun imwettaq f'kull post ta' kejl. Xi wħud minn dan il-kejl jista' wkoll jiġi wżat bħala sfond tal-post fil-futur għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet IMS. Dawn l-attivitajiet kollha jitwettqu f'relazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet tat-tbassir tat-temp.
 - (ii) Il-kejl għandu jsir b'tagħmir trasportabbli ta' kejl ta' gass nobli (sistema Svediża SAUNA u/jew Franċiża SPALAX rispettivament), li ser jiġi misluf lill-PTS bla ħlas għall-perijodu kopert minn din l-Azzjoni Konġunta.
 - (iii) Is-sistema Franċiża SPALAX hija sistema matura ħafna li tintuża f'bosta postijiet (inklużi postijiet ta' l-IMS) għal bosta snin. Tkun disponibbli wkoll f'verżjoni trasportabbli li tipprovdi *data* bl-istess sensittività għolja. Waqt kull kampanja s-sistema kollha tista' tkun trasportata f'postijiet differenti jew tista' tkun kondiviża f'unità trasportabbli għal ġbir ta' kampjuni u unità ta' detekter fil "kamp bażi", skond il-kondizzjonijiet tal-loġistika tar-reġjun.
 - (iv) Is-sistema Svediża SAUNA diġà ġiet użata f'bosta kampanji fil-post, u għalhekk hija evalwata sew. Is-sistema tipprovdi *data* b'limiti ta' kxf simili mal-verżjoni ta' l-IMS (SAUNA-II) għall-erba' isotopi rilevanti, u d-*data* hija għalhekk applikabbli direttament għax-xenarju ta' kejl ta' l-IMS. Matul kull kampanja, l-unità tal-kamp bażi hija installata f'post wieħed u kejl ta' ġbir ta' kampjuni mobbli jseħħ f'żewġ siti jew tlieta fil-qrib.
 - (v) Kull kampanja ta' kejl teħtieġ:
 - Thejjiya u loġistika bir-reqqa (servizz tat-tagħmir, ippjanar loġistiku, ftehim ma' l-istituti lokali, trasport eċċ);
 - Installazzjoni, kalibrazzjonijiet u ġbir ta' *data*;
 - Kalibrazzjoni, ippakkjar u trasport lura tat-tagħmir;
 - Analiżi ta' *data*.
 - (vi) L-elementi ta' spejjeż mistennija għal dan il-proġett jinkludu:
 - Persunal (inkluż assistent temporanju għall-loġistika) u spejjeż ta' vjaġġar;
 - Tagħmir (per eżempju l-produzzjoni ta' kolonni ta' ġbir ta' kampjuni jew l-ekwivalenti, forniment ta' enerġija li ma jistax jiġi interrot eċċ.);
 - Oġġetti ta' konsum (per eżempju enerġija u elju);
 - Servizz u partijiet ta' rikambju;
 - Ġarr fuq il-baħar u trasport tat-tagħmir;
 - Trasport lokali u loġistika;
 - Sessjoni ta' ħidma ta' evalwazzjoni.

- (g) Il-kejl huwa ppjanat biex jitwettaq fir-reġjuni li ġejjin: l-Ewropa (1), il-Golf Persjan (2), l-Afrika ta' Isfel (3) u l-Asja ta' Isfel (4). Il-kejl fir-reġjun (3) u parti mir-reġjun (1) hu mistenni li jitwettaq bl-użu tat-tagħmir CEA (Franza), waqt li l-kejl fir-reġjun (2) u (4) kif ukoll parti minn (1) hu mistenni li jitwettaq bit-tagħmir FOI (Svezja).
- (h) It-tagħmir għal dan il-proġett ser ikun ipprovdut bla ħlas mis-CEA (Franza) u FOI (Svezja) li ser jiġu kuntrattati mill-PTS għat-twaqqif u ħidma tiegħu.
- (i) It-tul ta' żmien ta' dan il-komponent tal-proġett huwa mistenni li jkun ta' madwar sena jew sena u nofs.
- (j) Spejjeż preliminarij stimati: EUR 950 000.

2. Komponent tal-Proġett dwar Spezzjoni fil-Post; Appoġġ għat-Tħejija ta' l-Eżerċizzju Integrat fil-Post 2008

- (a) L-avveniment fid-DPRK enfasizza mill-ġdid l-importanza ta' spezzjonijiet fil-post bħala pilastru ewlieni tar-reġim ta' verifikazzjoni tas-CTBT. Waqt li d-data provduta mis-Sistema Internazzjonali ta' Monitoraġġ u Ċ-Ċentru Internazzjonali tad-Data dwar l-avveniment fid-DPRK fil-qafas ta' operazzjoni provviżorja u ttestjar tas-sistema kienet estremament ta' valur u ta' min joqgħod fuqha, ċarezza definittiva dwar in-natura ta' l-avveniment tista' tinkiseb biss permezz ta' spezzjoni fil-post fis-sit determinat. Hija responsabbiltà ewlenija tal-Kummissjoni biex tikseb l-għola livell ta' prontezza operazzjonali tar-reġim ta' spezzjoni fil-post qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat.
- (b) Il-Korpi għat-Tfassil ta' Politika tal-Kummissjoni Preparatorja, b'mod partikolari l-Grupp ta' Ħidma B (GHB), issottolinjaw kemm-il darba l-fatt li l-iktar mod effiċjenti biex jinkiseb il-livell ta' prontezza meħtieġ huwa permezz tat-tweqqif ta' eżerċizzji fil-post ta' l-OSI. L-ewwel tali eżerċizzju ta' dan id-daqs, l-Eżerċizzju Integrat fil-Post 2008 (IFE08), ser iseħħ f'Settembru 2008 fil-Każakstan. Dan ser ikun l-ewwel prova għal simulazzjoni ta' spezzjoni fil-post reali bl-integrazzjoni tat-tlett pilastri ewlenin tar-reġim-OSI, jiġifieri:
 - (i) spetturi mħarrġa (madwar 50),
 - (ii) tagħmir-OSI u
 - (iii) l-ittestjar ta' manwal operazzjonali ta' l-OSI.
- (c) It-tħejija komprensiva u twettiq pożittiv ta' l-IFE08 huma prerekwiżiti għall-ikkompletar tar-reġim ta' l-OSI fil-futur qarib. L-evalwazzjoni tar-riżultati u l-lezzjonijiet li ttieħdu mill-IFE08 ser jipprovdu lill-PTS b'taġhrif essenzjali għal liema passi għandhom jittieħdu biex tinkiseb il-prontezza operazzjonali tar-reġim ta' l-OSI. Id-disponibbiltà ta' riżorsi xierqa għall-IFE08, dawk finanzjarji u umani, kif ukoll kontribuzzjonijiet in natura mill-Istati Firmatarji, ta' tagħmir, taħriġ u appoġġ ta' loġistika hija essenzjali għas-suċċess ta' l-IFE08.
- (d) Fl-istadju attwali tat-tħejija għall-IFE08, il-PTS identifika l-oqsma li ġejjin fejn l-appoġġ mill-Istati Firmatarji huwa ta' importanza partikolari:
 - (i) **T r a s p o r t a z z j o n i :**

L-IFE08 jeħtieġ it-trasportazzjoni ta' 20-30 tunnellata ta' tagħmir minn Vjenna sal-post ta' dħul fil-Każakstan. Barra minn hekk, 80 persuna (40 spetturi u 40 persuni oħrajn, inkluż id-direzzjoni ta' l-eżerċizzju, it-tim ta' kontroll, osservaturi u valutaturi) għandhom jivvjaġġaw sal-post. Il-baġit probabbli għall-IFE08 li għandu jiġi approvat mill-Istati Firmatarji jipprevedi tfaddil mit-trasportazzjoni fuq l-art tat-tagħmir. Għaldaqstant, fil-valutazzjoni tal-PTS dan għandu żvantaġġi serji, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul ta' żmien u l-affidabbiltà tat-trasportazzjoni u s-sigurtà u s-sikurezza tat-tagħmir ta' l-OSI. Din il-valutazzjoni ġiet endorsjata mill-Grupp Konsultattiv ta' Esperti ta' l-OSI, li jassisti lill-PTS fit-tħejija ta' l-IFE08, fil-laqgħa tiegħu fil-5-6 ta' Diċembru 2006. Il-PTS, għalhekk, qed ifittex appoġġ għat-trasportazzjoni bl-ajru tat-tagħmir u l-persunal lill- u mill-Każakstan. Fid-dawl tal-ħtiġiet ta' loġistika u dawk operazzjonali ta' l-IFE08 kif ukoll l-arranġamenti legali mal-pajjiż ospitanti, it-trasportazzjoni bl-ajru jista' jkollha tiġi organizzata permezz ta' kumpanniji bbażati f'pajjiżi li m'humiex fl-UE.

(ii) It-twaqqif ta' kampi-bażi operazzjonali:

Matul l-IFE08, il-PTS ser ikollu jinsedja żewġ bażi ta' operazzjonijiet fiż-żona sostituta għall-ispezzjoni fit-territorju tal-post ta' prova nukleari ta' l-ex-Sovjetika f'Semipalatinsk. Waqt li l-ewwel bażi ser ikun għat-tim ta' spezzjoni, it-tieni bażi huwa meħtieġ għall-valutaturi u osservaturi ta' l-IFE08. Dawn il-bażijiet, attrezzati bl-infrastruttura meħtieġa bħal uffiċċji, faċilitajiet ta' komunikazzjoni eċċ., iservu bħala l-kwartieri ġenerali ta' l-IFE08 u jservu funzjoni essenzjali għat-twettiq u l-kontroll ta' l-operazzjoni fil-post ta' spezzjoni. Il-PTS jista' jidentifika r-riżorsi għall-ksib ta' l-ewwel kamp bażi għat-tim ta' spezzjoni. Madankollu l-baġit regolari ma jipprovdi għall-ksib tat-tieni sett. Għalhekk, il-ksib u t-twaqqif tat-tieni bażi jeħtieġ riżorsi li ma jistgħux jiġu koperti mill-baġit ta' l-IFE08. L-użu ta' infrastruttura 'l bogħod tirriżulta f'ħela ta' ħin fi trasportazzjoni, bi spejjeż addizzjonali relatati u limitazzjonijiet tan-numru ta' sghat li jistgħu jintużaw aħjar fl-għan ta' l-eżerċizzju.

(iii) Sessjoni ta' ħidma ta' evalwazzjoni ta' l-IFE08

Għan: It-tisħiħ ta' l-evalwazzjoni u l-eżitu ta' l-IFE08 f'Diċembru 2008. Dan jipprovdi opportunità lill-esperti biex jirrevedu u jiddiskutu r-riżultati immedjati ta' l-eżerċizzju bil-ħsieb li jassistu lill-PTS fl-abbozzar ta' rapport preliminarju għall-ewwel laqgħa tal-GHB fl-2009 u li jidentifikaw il-prijoritajiet għal-aktar sforzi mill-PTS. Barra minn hekk, huwa mistenni li l-esperti jisiltu tagħlim ta' valur meħud mill-materja prima waqt is-sessjoni ta' ħidma, u huwa mistenni li tiġi identifikata gwida preliminari għaċ-ċiklu li ġej ta' eżerċizzji fuq l-art. Is-sessjoni ta' ħidma tindirizza l-punti li ġejjin:

- il-loġistika inkluż it-twaqqif u l-operat ta' bażi ta' operazzjoni;
- it-tmexxja tat-tim;
- kwistjonijiet rigward relazzjonijiet ma' l-Istat Parti Spezzjonat (ISP) inkluż b'mod partikolari konfidenzjalità u aċċess kontrollat;
- osservazzjoni viżwali inkluż waqt it-titjiriet;
- kwistjonijiet sismiċi;
- tekniki ġeofiżiċi;
- saħħa u sikurezza;
- komunikazzjoni;
- navigazzjoni.

Barra minn hekk, f'kooperazzjoni ma l-OES/EV, l-evalwazzjoni ta' l-eżerċizzju fih innifsu għandu jkun diskuss.

(e) L-ispejjeż stimati għaż-żewġ komponenti bħala appoġġ ta' l-IFE08 huma:

EUR 250 000	(trasportazzjoni bl-ajru fuq bażi kummerċjali. Appoġġ in natura per eżempju possibiltà ta' ajruplan tal-merkanzija <i>charter</i>)
EUR 269 249	(ix-xiri, it-twaqqif u l-attivazzjoni tat-tieni kamp bażi operazzjonali)
EUR 152 965	Sessjoni ta' Ħidma ta' Evalwazzjoni ta' l-IFE08
EUR 672 214	(totali)

III. It-tul ta' żmien

It-tul ta' żmien totali għall-implimentazzjoni tal-proġetti hu stmat li jkun ta' 15-il xahar.

IV. Il-Benefiċjarji

Il-benefiċjarji tal-proġetti f'din l-Azzjoni Konġunta, bil-mira li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u ta' verifikazzjoni tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO- huma kollha Firmatarji tas-CTBT.

V. Entità ta' implementazzjoni

Il-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO sejra tiġi fdata bl-implementazzjoni tal-proġetti. Il-proġetti ser jiġu implementati direttament minn persunal tas-Segretarjat Tekniku Provviżorju tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO, minn esperti jew minn kuntratturi ta' l-Istati Firmatarji tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Fil-każ ta' kuntratturi, l-akkwist ta' kwalunkwe oġġett, xogħol jew servizz mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO fil-kuntest ta' din l-Azzjoni Konġunta ser jitwettagħ b'mod kif dettaljat fil-ftehim finanzjarju li għandu jiġi konkluż mill-Kummissjoni Ewropea mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

L-entità implimentattiva ser tħejji:

- (a) Rapport ta' nofs it-term wara l-ewwel sitt xhur ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti
- (b) Rapport finali mhux iktar tard minn xahar qabel it-tmiem ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti

Ir-rapporti għandhom jintbagħtu lill-Presidenza, bl-assistenza tas-SĠ/RGħ għall-PESK.

VI. Parteċipanti terzi

Il-proġetti ser jiġu ffinanzjati interament minn din l-Azzjoni Konġunta. L-esperti mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO u mill-Firmatarji tas-CTBT jistgħu jitqiesu bħala parteċipanti terzi. Huma sejrjn jaħdmu skond ir-regoli ta' ħidma standard għall-esperti tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

VII. Stima tal-mezzi finanzjarji totali meħtieġa

Il-kontribut ta' l-UE ser ikopri l-implementazzjoni sħiħa tal-proġett deskritt f'dan l-Anness. L-ispejjeż stimati huma kif ġej:

Komponent ta' Proġett Gass Nobli;	EUR	960 507
Komponent tal-Proġett dwar Spezzjoni fil-Post:	EUR	672 214
Total:	EUR	1 632 721

Barra minn dan, hemm inkluzja riżerva ta' kontinġenza ta' madwar 3 % ta' l-ispejjeż eliġibbli (għal ammont totali ta' EUR 37 279) għal spejjeż mhux mistennija.

VIII. Ammont ta' referenza finanzjarju sabiex ikopri l-ispiża tal-proġetti

L-ispiża totali tal-proġett hi ta' EUR 1 670 000.
